# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa 25 ta' Settembru 2015**

**Numru:**

**Rikors Numru: 100/07 PC**

**Paul Borg u Francis Borg u b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2013 l-isem Francis gie korrett sabiex jaqra Frances**

**v.**

**Pinu Attard, Antida Attard u Atlas Insurance**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma zewg appelli, wiehed maghmul mis-socjeta` appellanti Atlas Insurance PCC Ltd u l-iehor maghmul mill-konvenuti appellanti Pinu u Antida konjugi Attard, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fl-14 ta' Mejju 2014, li permezz taghha dik il-Qorti tat sentenza dwar ir-responsabilita` ghall-incident mertu tal-kawza billi laqghet l-

ewwel talba u ddikjarat lill-konvenut Pinu Attard unikament responsabbli ghall-istess incident. Is-socjeta` konvenuta, li maghha kien assikurat it-truck tal-attur, giet misjuba responsabbli *in solidum* mal-konjugi Attard ghall-hlas tad-danni kkagunati lill-attur.

**Ir-rikors guramentat tal-attur**

**2.** Fir-rikors guramentat tieghu tad-19 ta' Settembru 2007, l-attur ippremetta:

> "1. Illi fl-14 ta' Ottubru 2005 fix-Xaghra, Ghawdex waqt li kien ghaddej fit-Triq huwa lemah lill-konvenut Pinu Attard wieqaf bit-trakk tieghu u kif rah hekk mar hdejh biex jara ghandux bzonn xi haga;
>
> "2. Illi l-konvenut qallu li t-trakk li kien qed isuq hu waqaf u kellu l-hsara u li ghalhekk xtaq l-assistenza;
>
> "3. Illi l-attur Pawlu Borg accetta li jghin lill-konvenut biex iressqu t-trakk mal-genb tat-triq u kif kien warajh u cioe wara l-istess trakk tal-konvenut il-konvenut irriversja ghal fuqu b'dan illi l-attur spicca jsofri minn griehi gravi fejn spicca mitluf minn sensieh u mehud mill-istess konvenut fl-ITU tal-isptar bil-van tal-istess attur li bih saq il-konvenut;
>
> "4. Illi l-attur sofra dizabilita` permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%) u dan skont l-istess certifikati medici mill-ispecjalisti, Mr. Esposito u Dr. Galea;

**3.** Ghar-ragunijiet premessi fir-rikors tieghu l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex l-ewwel Qorti m'ghandhiex tiddikjara:

> "1. Li l-konvenut Pinu Attard responsabbli ghad-danni sofferti lill-attur Paul Borg tal-incident li sehh fl-14 ta' Ottubru 2005 fejn l-attur sofra dizabilita` permanenti;

"2. Tillikwida d-danni okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta;

"Bl-ispejjez."

**Ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata**

**4.** Permezz tar-risposta guramentata tad-9 ta' Novembru 2007, l-Avukat Anton Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta` assikuratrici intimata Atlas Insurance Plc Limited eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-assikurat taghhom Pinu Attard bl-ebda mod ma jahti jew b'xi mod ma kien involut fl-incident in kwistjoni u:

"1. Illi l-fatti kif esposti fir-rikors promutorju huma ferm u ferm differenti mir-rapport kif imnizzel u deskritt mill-Pulizija li investigaw dan l-incident;

"2. Illi fl-esposizzjoni tieghu tal-fatti, ir-rikorrenti, Paul Borg jghid li waqt li kien ghaddej fit-Triq huwa lemah lill-konvenut Pinu Attard wieqaf u ta' "sammaritan it-tajjeb" li hu mar jaghtih l-ghajnuna. Zid jghid li l-konvenut qallu li it-trakk kien waqaf u ghalhekk xtaq l-assistenza. Huwa accetta li jghinu u kif kien wara t-truck il-konvenut irriversja ghal fuqu u iggagunalu feriti gravi;

"3. Illi pero' mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li 'a tempo vergine' l-attur Borg qalilhom li huwa kien qieghed jaghmel xi xoghol fuq il-vettura tieghu ta' ghamla Transit gewwa yard proprjeta` ta' Pinu Bugeja meta nizzel mill-vettura li thalliet free bil-konsegwenza li imxiet u rassitu u soffra il-girehi;

"4. Illi ghalhekk (i) l-incident in kwistjoni gara go 'yard' privata u mhux fit-triq u ghaldaqstant s-socjeta` assikurazzjoni tal-konvenut, Pinu Attard m'hijiex responsabbli ghal akkadut; (ii) il-vettura involuta ma kienitx tal-marka 'Leyland' imma 'Transit'; (iii) it-truck mhux veru kien waqqaf u li l-attur mar jaghtih l-

assistenza. It-truck mexa tort tat-traskuragni tal-istess attur li hallieh 'free' u mhux ghaliex il-konvenut irriversja fuqu. Ma jistax ikun dak li qieghed jigi sottomess illi t-truck kien wieqaf bil-hsara u fl-istess hin irriversja lura ; u (iv) li t-truck lill-attur rassu mal-hajt u mhux irriversja fuqu u wegghu ;

"5. Illi mill-premess jidher car illi l-incident kif gara huwa ferm u ferm differenti min kif gie espost fil-fatti tal-kawza u l-fatti kif esposti m'huma xejn hlief fabrikazzjoni u falsifikazzjoni kompleta u totali ta' incident li bl-ebda mod ma sehh bil-mod kif deskritt fl-istess rikors promotorju;

"6. Illi ghalhekk huwa ferm ovju li t-talbiet tar-rikorrenti mhux biss ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom imma dina l-Qorti ghandha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga dan il-kaz fejn ghandek sfaccatament kolluzjoni tal-partijiet involuti u fabbrikazzjoni ta' incident li fir-realta' qatt ma sehh bil-mod kif gie deskritt u dana biex tigi defrodata s-socjeta` assikuratrici."

**Ir-risposta guramentata tal-konvenuti konjugi Attard**

**5.** Permezz tar-risposta guramentata tat-28 ta' Dicembru 2007, il-konvenuti Pinu u Antida konjugi Attard eccepixxew:

"1. Illi l-ewwel u t-tieni premessa tal-atturi huma korretti;

"2. Illi t-tielet premessa hija skorretta stante il-fatt illi ma kien hemm hadd fil-vettura meta din mxiet u sehh l-incident;

"3. Illi kien l-attur li minn jeddu mar taht il-vettura biex jirrangaha filwaqt li din kienet ghadha mixghula u probabilment kien l-ghemil tieghu stess li ikkaguna l-vettura li titharrek billi mess xi haga fil-magna.

"4. Illi ghalhekk il-konvenut Pinu Attard ma hux responsabbli bl-ebda mod ghal dan l-incident u ghal griehi li sofra l-attur.

"5. Illi l-incident sfortun sehh esklussivament tort tal-attur.

"Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti"

**6.** Rat l-atti processwali kollha, inkluz il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu, *inter alia* id-difensuri tal-partijiet qablu li f'dak l-istadju l-Qorti kellha taghti sentenza *in parte* dwar ir-responsabbilita`.

**Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti**

**7.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, ghas-sentenza *in parte* taghha tal-14 ta' Mejju 2014 kienu s-segwenti:

> "Ikkunsidrat.
>
> "Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jirreklamaw id-danni wara incident fejn l-attur safa midrub serjament meta gie investit minn vettura li kien qed jaghmel xoghol ta' tiswija ta' emergenza fuqha, meta waqfet fit-triq ewlenija li taghti ghax-Xaghra. Din is-sentenza *in parte*, fuq talba tal-partijiet, hija pero' limitata ghar-responsabilita` tal-incident in kwistjoni.
>
> "Fil-qasam tad-dritt civili fejn tidhol ir-responsabilita` akwiljana, l-principju huwa li persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. Il-ligi tistipula li jahti ta' ghemil bhal dan kull min ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan in-nuqqas ta' diligenza jew ghaqal jirrizulta wkoll fejn wiehed jonqos minn dmir impost mill-ligi, wkoll jekk dak li jaghmel ikun minghajr il-hsieb li jaghmel id-deni. Ta' dan in-nuqqas irid jaghmel tajjeb ghall-hsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bhala l-ghajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita` civili mnissla mill-ghemil doluz jew kolpuz.
>
> "F'din il-kawza inghataw diversi verzjonijiet differenti ta' kif sehhew l-affarijiet mill-istess partijiet involuti. Ma kien hemm ebda xhieda okulari ta' dak li gara, u lanqas ma marru ebda Pulizija fuq il-post biex jaghmlu l-investigazzjonijiet mehtiega. Ghalhekk il-Qorti, biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, ghandha biss dak li qalu l-attur u l-konvenut Pinu Attard. Madankollu huwa stabilit illi: "*… mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta'*

*perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecidi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-***in dubbio pro reo***. Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha… Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dwar il-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant… Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*

"Is-socjeta` konvenuta Atlas Insurance Plc tikkontendi li gialadarba *a tempo vergine* l-attur qal lis-surgent li mar ikellmu l-isptar ftit wara li sehh il-kaz, li l-incident sehh gewwa bitha privata, allura ma tistax qatt tigi tenuta taghmel tajjeb ghal xi hsarat ikkagunati mill-konvenut Attard li kien assikurat maghha, ghax l-assikurazzjoni tieghu kienet tkopri biss incidenti stradali. Imma din ma kienitx l-unika diskrepanza li tirrizulta mill-okkorrenza tal-Pulizija u dak li hareg mill-provi li nstemghu fil-kawza. Jinghad fl-istess okkorrenza li l-attur spjega li kien qed jaghmel tiswija fuq il-vettura tieghu tal-marka "Transit" fil-bitha ta' Pinu Bugeja. Ma tantx jaghmel sens li l-attur kien qed isewwi vettura tieghu fil-bitha ta' haddiehor, li terga' m'ghandu xejn x'jaqsam mal-kaz. Huwa evidenti li x'hin mar ikellmu s-surgent Bajada, l-attur ma kienx kompletament f'sensih. It-tabib tal-*Casualty* ikkonferma li l-attur kien ghadu kemm gie *sedated* minhabba l-ugiegh, u l-istess surgent dehrlu li ghandu jnizzel fl-okkorrenza li Borg "*kien jidher ghajjien*." Imbaghad, anke fir-rapport imhejji mit-tabib tal-*Casualty*, li kien l-ewwel li ezamina lill-attur meta ddahhal l-isptar, inkiteb hekk: "*… forty five (45) year old mechanic, apparently was at Xaghra Road behind reversing truck. According to the patient he slipped and truck crushed him underneath*." Ma ssemmiet l-ebda bitha f'dan ir-rapport. F'tali cirkostanzi, l-okkorrenza tal-Pulizija ma tistax tittiehed bhala li tirrispekkja l-verita` tal-fatti u ghalhekk mhux ta' min joqghod fuqha.

"Is-socjeta` konvenuta tallega kolluzjoni bejn l-attur u l-konvenut Attard biex hija tigi defrawdata, meta t-tnejn jaqblu li l-incident in kwistjoni sehh fit-triq tax-Xaghra. Imma l-agir ta' Attard f'din il-kawza, meta baqa' jinsisti li huwa ma kienx gewwa l-gabina tat-truck tieghu meta sehh l-incident, ma tantx jaghti hjiel ta' xi ftehim biex jigi agevolat l-attur.

"Il-fatturi dwar dan l-incident li l-attur Borg u l-konvenut Attard jaqblu fuqhom huma s-segwenti:

"(i) il-konvenut kien ghaddej fit-triq li tiehu ghax-Xaghra jsuq it-truck tieghu tal-marka 'Leyland' meta dan qabad u waqaflu u ma setax jiccaqlaq aktar;

"(ii) dak il-hin inserta kien ghaddej l-attur, li huwa *mechanic*, bil-van 'Transit' tieghu u saqsieh kellux bzonn xi ghajnuna;

"(iii) billi t-truck kien f'nofs ta' triq u kien qed johloq inkonvenjent ghal vetturi ohra, ftehmu li l-attur jara jistax jaghmel mezz biex it-truck iressquh ghall-genb;

"(iv) l-attur pogga xi gebel wara r-roti tat-truck biex ma jkunx jista' jimxi lura, minhabba li kien hemm ukoll xi ftit tal-pendil fit-triq, u dahal tahtu, bil-magna ghadha mqabbda;

"(v) huwa hall xi viti mill-pompa tal-arja tal-*brakes* biex dawn ma jibqghux illokkjati u t-truck ikun jista' jiccaqlaq.

"Minn hawn 'l quddiem pero' l-partijiet involuti ma jaqblux. Dan ghaliex:

"(i) filwaqt li l-attur jsostni li matul il-hin kollu li huwa kien qed jaghmel it-tiswijiet mehtiega, Attard baqa' fil-gabina tat-truck tieghu, Attard jinsisti li kien barra;

"(ii) l-attur jghid li kien ftiehem mal-konvenut biex x'hin jghajjatlu, jpoggi l-magna fuq il-*gear* biex it-truck ma jimxix;
-
"(iii) malli hall il-viti tal-pompa tal-*brakes*, l-attur jghid li hareg minn taht it-truck, mar inehhi l-gebel minn taht ir-roti, u kien dak il-hin li t-truck mexa lura ghal fuqu u ghafgu;

"(iv) Attard, minn naha l-ohra, jghid li huwa kif sema' l-attur jghajjat bl-ugiegh, minnufih dahal jigri gol-gabina tat-truck fi sforz biex izomm it-truck milli jkompli jghaffeg lill-attur.

"Il-Qorti trid tara ghalhekk liema minn dawn il-verzjonijiet kontrastanti hija l-izjed wahda verosimili u kredibbli. L-attur huwa *mechanic* ta' certa esperjenza, u ghalhekk wiehed ma jistenniex li ser jiehu certi riskji bl-addocc fit-twettieq tax-xoghol tieghu. Infatti kien proprju biex jassigura ruhu li t-truck ma jimxilhux waqt li huwa jkun tahtu, li pogga l-gebel wara r-roti qabel ma' beda x-xoghol mehtieg. Ghalhekk difficcli jitwemmen li l-attur kien ser jaqbad u jnehhi dawn il-gebel minn mar-roti jekk ma jkunx mohhu mistrieh li hemm xi hadd jikkontrolla t-truck, issa li dan seta` facilment jiccaqlaq wara li l-*brakes* ma baqghux imwahhlin.

"Fil-kamp civili m'hemmx il-htiega ta' certezza assoluta, u, kif gie mfisser hawn fuq, hija bizzejjed il-prova fuq bilanc ta' probabilita`. Hija l-fehma tal-Qorti li f'dawn ic-cirkostanzi izjed ghandu

> jitwemmen l-attur, li Attard tassew baqa' fil-gabina tat-truck jistenna l-istruzzjonijiet minghand l-attur. Huwa pero' tfixkel u minflok ma pogga t-truck fuq il-gear kif kien qallu jaghmel l-attur, spicca biex jew hallieh *free* jew addirittura dahhal ir-*reverse gear*. Ghal din l-imprudenza jew nuqqas ta' attenzjoni jahti unikament il-konvenut Attard, u ghalhekk in-ness ta' kazwalita` bejn l-event dannuz u l-hsara mgarrba mill-attur gie sodisfacentement ippruvat. Billi s-socjeta` konvenuta qatt ma cahdet li t-truck ta' Attard kien assikurat maghha ghar-riskji kontra terzi persuni, din hija responsabbli *in solidum* mal-konvenuti konjugi Attard ghall-hlas tad-danni kkawzati.
>
> "Ghal dawn il-motivi tiddecidi f'dan l-istadju billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenut Pinu Attard unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza. Is-socjeta` konvenuta, li maghha kien assikurat it-truck tal-attur, hija madankollu responsabbli *in solidum* mal-konjugi Attard ghall-hlas tad-danni kkagunati lill-attur."

**<u>Verbal tal-14 ta' Mejju 2014</u>**

**8.** Permezz ta' verbal tal-14 ta' Mejju 2014 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali tat permess lis-socjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited u lill-konvenut Pinu Attard biex jappellaw mis-sentenza parzjali msemmija moghtija mill-istess qorti.

**<u>Rikors tal-appell tas-socjeta` intimata</u>**

**9.** Is-socjeta` intimata Atlas Insurance PCC Limited hasset ruhha aggravata bis-sentenza appellata u b'rikors tat-2 ta' Gunju 2014 intavolat l-appell odjern minn dik is-sentenza. Permezz tal-appell taghha s-socjeta` appellanti talbet li ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell taghha u ohrajn li setghu nghataw waqt is-smiegh tal-appell din l-

Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u konsegwentement tichad it-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-atturi appellati.

**10.** L-aggravju tas-socjeta` appellanti fil-mertu jikkonsisti sostanzjalment filli skont l-istess socjeta` appellanti l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li ngiebu quddiemha, liema apprezzament zbaljat wassal sabiex tigi kommessa ingustizzja manifesta fil-konfront taghha peress li mill-provi prodotti l-ewwel Qorti qatt ma setghet tkun moralment certa li kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-incident *de quo*.

**Rikors tal-appell tal-konvenuti appellanti konjugi Attard**

**11.** Il-konvenuti appellanti Pinu u Antida konjugi Attard ukoll hassew ruhhom aggravati bis-sentenza appellata u b'rikors tas-16 ta' Gunju 2014 intavolaw l-appell odjern minn dik is-sentenza. Permezz tal-appell taghhom, il-konvenuti appellanti talbu li ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell taghhom din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tichad l-ewwel talba tal-atturi appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**12.** L-aggravju li ressqu l-konvenuti appellanti Pinu u Antida konjugi Attard huwa sostanzjalment wiehed konsistenti filli skont l-istess konvenuti appellanti l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li ngiebu quddiemha, liema apprezzament zbaljat wassalha ghall-konkluzjonijiet zbaljati li inducewha sabiex konsegwentement tirrispingi l-eccezzjonijiet imressqin minnhom fir-rigward tar-responsabbilta` tal-attur appellat innifsu ghall-incident in kwistjoni.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi appellati</u>**

**13.** Permezz ta’ zewg risposti separati tal-10 ta’ Lulju 2014 l-atturi appellati Paul Borg u Frances Borg wiegbu ghaz-zewg appelli li gew intavolati, wiehed mis-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited u l-iehor mil-konvenuti appellanti Pinu u Antida konjugi Attard, u bihom isostnu illi s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi kkonfermata minn din il-Qorti.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti konjugi Attard ghar-rikors tal-appell tas-socjeta` appellanti</u>**

**14.** B’risposta tal-21 ta’ Lulju 2014 il-konvenuti appellanti konjugi Attard wiegbu ghall-appell tas-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited billi filwaqt illi zammew fermi t-talbiet tal-appell taghhom in kwantu huma

kompattibbli mal-appell tas-socjeta` msemmija u cioe` li r-responsabbilta` tas-sinistru stradali kien unikament imputabbli lill-attur appellat, rrimettew ruhhom ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

**15.** Fil-qosor, is-sottomissjonijiet principali li ressqu l-konvenuti appellanti Pinu u Antida konjugi Attard kienu illi fir-rigward tal-kwistjonijiet li hemm qbil dwarhom u ghalhekk irrizultaw ampjament mix-xhieda, m'hemmx lok ghal revizjoni minn din il-Qorti, aktar u aktar meta ma hemm l-ebda xhieda li tikkorobora jew tissostanzja l-allegazzjoni min-naha tas-socjeta` Atlas Insurance Limited li hemm xi kolluzjoni bejn il-partijiet. Skont dawn il-konvenuti appellanti, mill-atti tal-process jirrizulta b'mod car illi l-incident odjern gara fi Triq ix-Xaghra, Xaghra u mhux f''*yard'* privata. Konsegwentement, il-konvenuti appellanti konjugi Attard jargumentaw illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet tajjeb li ma tatx piz lir-rapport tal-Pulizija peress illi dan kien fih hafna inezattezzi li rrizultaw anke mix-xhieda tal-attur. Huma jzidu wkoll illi mill-assjem tal-provi prodotti fir-rigward ta' fejn sehh l-incident, dawn kollha wasslu biex tnisslu fl-ewwel Qorti l-konvinciment morali li l-incident sehh fejn qalu il-partijiet u mhux fil-'*yard'* li semma' l-attur meta kien 'ghajjien' u bil-kemm ma kienx qed jhewden u ghalhekk f'dan ir-rigward ma hemm l-ebda raguni il-ghaliex dan l-apprezzament ghandu jigi issindikat, minsus jew mibdul minn din il-Qorti.

**<u>Risposta tal-appell tas-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited</u>**

**16.** B'risposta tat-23 ta' Lulju 2014 is-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited wiegbet ghall-appell tal-konvenuti appellanti konjugi Attard u biha talbet li ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta taghha din il-Qorti tilqa' l-istess appell u tiddikjara illi l-appellant Pinu Attard ma huwiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**17.** Fil-qosor, is-sottomissjonijiet principali li ressqet is-socjeta` appellanti lil din il-Qorti kienu li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib l-htija tal-incident *de quo* fil-konvenut Pinu Attard u dan ghar-raguni li mill-provi prodotti l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet tattribwixxi l-htija tal-incident f'xi att jew omissjoni tal-konvenut. Skont is-socjeta` appellanti, l-atturi jibbazaw ruhhom fuq prezunzjonijiet u assunzjonijiet u mhux fuq fatti u l-ewwel Onorabbli Qorti kienet selettiva fix-xhieda li ghogobha taghti affidament u li kieku ikkonsidrat l-elementi u l-provi kollha li gew prodotti kienet tasal f'konkluzjoni diversa. Din is-socjeta` zzid ukoll illi x-xhieda li tal-attur stess minn seduta ghal ohra lanqas kienet konsistenti u li kien l-attur li kellu jassigura ruhu li jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega. Is-socjeta` konvenuta tghid illi ghalhekk l-uniku persuna responsabbli tal-akkadut huwa proprju l-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*Preliminari*

**18.** Peress illi z-zewg appelli quddiem din il-Qorti t-tnejn jimmiraw lejn ir-revoka tas-sentenza appellata u c-cahda tat-talbiet attrici wara apprezzament mill-gdid tal-provi da parti ta' din il-Qorti, iz-zewg appelli ser jigu kkunsidrati flimkien.

*Is-sottomissjonijiet tal-konvenuti appellanti konjugi Attard*

**19.** L-aggravju principali tal-konvenuti appellanti Attard jikkonsisti fil-fatt li skont l-istess appellanti l-ewwel Qorti sabet lill-konvenut appellant Pinu Attard unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u dan mhux fuq l-iskorta tal-provi prodotti izda fuq il-bazi tal-prezunzjoni tal-ewwel Qorti li la darba l-attur Borg "*huwa mechanic ta' certa esperjenza, wiehed ma jistenniex li ser jiehu certi riskji bl-addocc fit-twettieq tax-xoghol tieghu. In fatti kien proprju biex jassigura ruhu li t-truck ma jimxilux waqt li huwa jkun tahtu, li pogga l-gebel wara r-roti qabel ma beda x-xoghol mehtieg. Ghalhekk difficli jitwemmen li l-attur kien ser jaqbad u jnehhi dawn il-gebel minn mar-roti jekk ma jkunx mohhu mistrieh li hemm xi hadd jikkontrolla t-trakk, issa li dan seta facilment jiccaqlaq wara l-brakes ma baqghux imwahhlin*."

**20.** L-appellant Pinu Attard jinsisiti ghalkemm il-verzjoni tal-attur appellat m'hijiex korretta, anke li kieku l-Qorti kellha toqghod fuq dak li xehed l-attur, ukoll kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-akkadut peress li kien l-istess attur li ta l-istruzzjonijiet biex il-konvenut jimxi lura u ghalhekk kien l-attur li kellu jiehu l-prekawzjonijiet biex ma joqghodlux fin-nofs u aktar u aktar mhux fil-*line of vision* tas-sewwieq; jekk min-naha tieghu l-konvenut Attard saq lura, kull ma ghamel kien li obda l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-attur li bhalma irriteniet l-ewwel Qorti huwa *mechanic* b'certu esperjenza.

**21.** Il-konvenut appellant jghid ukoll illi peress li huwa kellu vettura kummercjali u pjuttost antika bl-istess ragunament tal-ewwel Qorti il-konvenut Attard ghandu l-esperjenza bhala sewwieq tal-vettura kummercjali tieghu u qajla ser isuq din il-vettura fid-direzzjoni opposta minn dak li jkun irid hu. Ghalhekk fuq il-mizien tal-esperjenza it-tnejn suppost qeghdin indaqs.

**22.** Skont il-konvenut appellant Attard, ghalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Appell hija Qorti Revizorja u li ma tvarjax l-apprezzament tal-provi leggerment pero` jinghad ukoll li dan il-principju huwa ibbazat fuq il-prezunzjoni li l-ewwel Qorti tkun semghet direttament lix-xhieda u ghalhekk tkun fl-ahjar pozizzjoni li tgharbel x'intqal u t-ton ta' kif intqal.

Fil-kaz in ezami, il-parti kbira tax-xhieda instemghu mill-assistent gudizzjarju taghha u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda zvantagg fuq l-ewwel Onorabbli Qorti biex tasal ghall-apprezzament tal-fatti kif graw.

**23.** Il-konvenut appellant Attard izid illi l-Artikolu 1032 tal-Kap. 16 huwa immirat biex propjament jigu issalvagwardati persuni bhall-konvenut Attard mill-agir ta' persuni li waqt ix-xoghol taghhom ma jiehdux il-prekawzjonijiet li ghandhom jiehdu. Mix-xhieda johrog car li kien l-attur appellat Paul Borg li ma uzax il-prudenza u d-diligenza meta ttenta jsewwi trakk Leyland minghajr ma jitfih. Min-naha ta' Attard, li jaf li Borg huwa *mechanic*, kienet tezisti element ta' fiducja u ma kellu jghid xejn lil Borg ghaliex basar u hekk wiehed jobsor minghajr ma jrid li mechanic ta' certu esperjenza jkun jaf x'ghandu jaghmel.

**24.** Il-konvenut appellant Pinu Attard isostni illi ma kien hemm l-ebda kolluzjoni bejnu u l-attur appellat Paul Borg u li lanqas ma tressqu l-ebda provi biex juru li kien hemm xi tali kolluzjoni.

**25.** Fir-rigward tal-post fejn sehh l-incident, skont il-konvenut appellant l-assjem tal-provi prodotti kollha wasslu biex nisslu fl-ewwel Qorti l-konvinciment morali li l-incident sehh fejn qalu l-partijiet u mhux fil-'*yard*' li semma' l-attur meta kien '*ghajjien*' u bil-kemm ma kienx qed

jhewden u ghalhekk f'dan ir-rigward ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan l-apprezzament ghandu jigi issindikat, minsus jew mibdul minn din il-Qorti.

**26.** Il-konvenut appellant qabel ukoll mal-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx piz lill-okkorrenza tal-Pulizija u dan ghaliex fuqha kien hemm hafna inezattezzi li rrizultaw anke mix-xhieda tal-attur.

*Is-sottomissjonijiet tas-Socjeta` Appellanti Atlas Insurance PCC Limited*

**27.** L-aggravju principali tas-socjeta` appellanti huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li rrizulta f'ingustizzja manifesta mas-socjeta` appellanti u dan peress li mill-provi prodotti qatt ma seta' l-gudikant ikun moralment cert li kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-incident *de quo*.

**28.** Is-socjeta` appellanti ssostni illi l-fatti ta' dan il-kaz huma neboluzi u filwaqt li huwa minnu li mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jwassal lill-gudikant biex idur ghall-massima ta' *in dubio pro reo*, huwa minnu wkoll li l-oneru tal-prova li jipprova b'mod konvincenti l-fatti tal-kaz jaqa' fuq l-attur mentri l-provi li tressqu mill-attur appellat Paul Borg huma mankanti ghall-ahhar tant li dwar ir-responsabbilita` l-unika

prova prodotta minnu hi x-xiehda tieghu li ma kienet konvincenti xejn u wisq anqas konsistenti.

**29.** Barra minn hekk l-ewwel Qorti strahet biss fuq ix-xiehda tal-attur u tal-konvenut u injorat il-bqija tax-xhieda li gew prodotti, bhax-xhieda tal-pulizija li investiga l-incident apparti li l-attur lanqas pproduca bhala xhud lill-ispettur tal-pulizija li skont is-Surgent Bajada x'aktarx kien mar fuq il-lok tal-incident.

**30.** Is-socjeta` appellanti ssoktat tghid illi meta gara l-incident in kwistjoni, l-attur appellat kien go '*yard'* privata u mhux fit-triq. Dan il-fatt gie ikkonfermat kemm mill-okkorrenza tal-Pulizija kif ukoll mix-xiehda ta' Dr. Michael Portelli. Qalet ukoll illi l-ewwel Qorti waslet ghal certu konkluzjonijiet li ma humiex sorretti mill-provi.

*Is-sottomissjonijiet tal-attur appellat Paul Borg*

**31.** Permezz taz-zewg risposti ghaz-zewg appelli intavolati, l-atturi appellati taw il-verzjoni taghhom tal-fatti kif graw u argumentaw illi fir-rigward ta' certu fatti, inkluz il-fatt li l-incident in kwistjoni gara fit-triq u mhux fil-'*yard'* tal-konvenut, m'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn l-attur appellat Paul Borg u l-konvenut appellant Pinu Attard. Huma jsostnu illi hadd hlief l-attur appellat Paul Borg u l-konvenut appellant Pinu Attard

m'ghandu dik il-*first hand information* li ghandhom huma dwar il-kaz, la l-Pulizija u lanqas it-tabib Portelli li ezamina lill-attur meta ddahhal l-isptar.

**32.** Huma jsostnu li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut appellant Pinu Attard u dan minhabba l-fatt li minflok ma' Pinu Attard ghamel dak li kien qallu jaghmel l-attur Paul Borg, ghall-kuntrarju huwa ma ngrana xejn it-trakk – anzi hallih *free* u ppermetta li t-trakk jerga' b'lura jew ma ghamel xejn biex dan ma jsehhx, almenu sakemm l-attur seta` johrog bla perikolu minn taht jew minn wara t-trakk.

**33.** L-atturi appellati jargumentaw illi l-verzjoni taghhom taghmel ferm sens u dan ghaliex la darba l-attur rifed it-trakk halli jevita l-periklu li jiccaqlaq it-trakk waqt li jkun qieghed jahdem tahtu dan ma kienx sejjer inehhi l-irfid minn taht it-trakk u jibqa' warajh. Min-naha l-ohra l-konvenut appellant kien inkonsistenti, titubanti u evasiv fil-verzjoni tieghu. Huma jzidu li l-Qorti ghandha tara jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita`, konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilita` u tal-preponderanza tal-provi u jghidu li tali ezami ghandu jnissel f'din il-Qorti l-istess konvinciment li wassal lill-ewwel Qorti ghar-responsabbilita` kolpuza tal-konvenut Attard.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**34.** Din il-Qorti fliet il-provi kollha li gew imressqa quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkun f'posizzjoni tiddeciedi ghandhiex tikkonferma jew le d-decizjoni appellata. Din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, qajla tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, jekk mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konkluzjoni li altrimenti tkun ser tigi kagunata ingustizzja manifesta[1].

**35.** F'dan il-kaz, kif irrikonoxxiet l-ewwel Qorti stess, inghataw diversi verzjonijiet ta' kif sehh l-incident in kwistjoni, kemm mill-attur appellat Paul Borg, kif ukoll mill-konvenut appellant Pinu Attard u r-riassunt ta' kif graw il-fatti fl-iskizz tal-okkorrenza tal-Pulizija tal-15 ta' Ottubru 2005 rigward l-incident in kwistjoni wkoll fih verzjoni li ma taqbel xejn ma' dak li qeghdin jallegaw l-attur appellat Paul Borg u l-konvenut appellant Pinu Attard.

**36.** Mill-ezami akkurat tal-provi li ghamlet din il-Qorti jirrizulta li l-attur appellat Paul Borg u l-konvenut appellant Pinu Attard qablu fuq certu fatti, fosthom:

[1] Ara Q. App. Paul Formosa v. Salvu Debono, 5/10/2001; Q. App. Yvonne Cassone pro et noe et v. Alfred Calamatta et noe., 29/2/2008, #17

- Li l-attur appellat, li huwa ‘*mechanic*,’ ghen lill-konvenut appellant Pinu Attard sabiex iressaq t-truck tal-istess konvenut appellant tal-marka ‘*Leylan*d’ li allegatament kellha l-hsara, mal-genb sabiex ikunu jistghu jghaddu vetturi ohra minn Triq ix-Xaghra, Xaghra;

- Li l-attur appellat pogga xi gebel wara r-roti tal-istess *truck* biex ma jkunx jista’ jimxi lura; u

- Li l-attur appellat dahal taht it-*truck*, bil-magna ghadha mixghula u hall xi viti mill-pompa tal-arja tal-*brakes* biex dawn ma jibqghux illokkjati u t-*truck* ikun jista’ jiccaqlaq.

**37.** Mill-banda l-ohra, l-attur appellat Paul Borg u l-konvenut appellant Pinu Attard ma qablux fuq dak li gara wara. Ma qablux, per ezempju, dwar jekk il-konvenut appellant Pinu Attard kienx fil-gabina tat-truck tieghu jew jekk baqax barra mit-truck u ma qablux ukoll dwar jekk l-attur appellat kienx ftiehem mal-konvenut appellant Pinu Attard biex x’hin jghajjatlu, l-istess konvenut appellant ipoggi l-magna fuq il-gear biex it-truck ma jimxix.

**38.** Fl-okkorrenza tal-15 ta’ Ottubru 2005, li ttiehdet fit-tlieta u kwart ta’ wara nofsinhar ta’ dik il-gurnata hemm rapportat li:

> "*Meta il-Pulizija kelmet lil Paul Borg li kien jidher ghajjien stqarr li huwa kien qieghed jaghmel xi xoghol fuq il-vettura tieghu ta' ghamla Transit gewwa yard propjeta` ta' Pinu Bugeja ID. 32560G li tinsab fi Triq ix-Xaghra, Xaghra, meta nizel mill-vettura li thalliet free din imxiet bil-konsegwenza li rassitu u sofra dawn il-griehi. Certifikat mehmuz. Aktar stharrig u rapport aktar il-quddiem*." [2]

**39.** Din il-Qorti ftit li xejn tista' taghti affidament lil dak li qal Paul Borg lill-pulizija meta dawn kellmuh l-isptar wara l-incident u tiskarta ghal kollox il-possibbilita` li l-incident in kwistjoni sehh f'xi bitħa. Di fatti z-zewg partijiet illum jaqblu li l-incident sehh fi Triq ix-Xaghra, Xaghra. Tqum id-domanda kif giet din li l-attur Paul Borg lill-pulizija qallhom li l-incident gara f'bitha (yard). It-twegiba tinsab fl-istess okkorrenza fejn jinghad li Borg kien jidher ghajjien. Izda jirrizulta li Borg mhux biss kien ghajjien izda kien qieghed isofri wkoll minn griehi gravi konsistenti fi tlett kustilji fratturati, frattura fil-gewnah tal-ispalla (scapula) u ta' ghadam tas-sieq apparti griehi ohra f'organi tal-gisem[3]. Barra minn hekk it-tabib Dr. Michael Portelli xehed li l-attur Borg meta wasal l-isptar kien fi stat ta' xokk u kien mugugh hafna minhabba l-griehi li kellu u ma setax jaghti d-dettalji precizi tal-mekkanika tal-incident "imma qal li tghaffeg. Dik il-kelma li uza, tghaffeg minn trakk, li kien misjuq minn xi hadd iehor, bazikament" u li dan gara gewwa "yard"[4]. It-tabib zied jghid li fil-hin li sar ir-rapport tal-pulizija l-attur Borg kien taht l-effett tal-injections tal-ugigh.[5]

---

[2] Fol 17 tal-process.
[3] Depozizzjoni ta' Dr. Joseph Farrugia, fol.192.
[4] Fol. 127
[5] Fol. 126

**40.** Lill-pulizija l-attur stqarr li meta gara l-incident huwa kien qieghed jaghmel xi xoghol fuq il-vettura tieghu mentri rrizulta kjarament, kif anki gie accettat mill-konvenut Attard, li l-attur Paul Borg minnufih qabel gara l-incident kien qieghed jahdem fuq il-vettura tal-konvenut u mhux fuq il-vettura tieghu.

**41.** Dan kollu jirrifletti l-fatt li meta l-attur kellem lill-pulizija l-attur kien fi stat konfuzjonarju minhabba t-trawma li kien ghadda minnha ftit qabel u l-griehi gravi li kien qieghed isofri minnhom dak il-hin. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taghti l-icken piz lil dak li gie rappurtat li stqarr l-attur Borg lill-pulizija waqt li kien rikoverat l-isptar u ghall-istess ragunijiet anqas tista' tistrieh fuq dak li l-attur Borg seta` qal lit-tabib Dr Portelli dwar kif skont hu gara l-incident waqt li Borg kien rikoverat l-isptar Ghawdex qabel ittiehed l-isptar f'Malta. Ghaldaqstant kellha ragun l-ewwel Qorti tiskarta ghal kollox il-kontenut tal-okkorrenza tal-pulizija bhala li ma kienetx ta' min joqghod fuqha.

**42.** Sostanzjalment, ghalhekk, bhala provi jibqghu id-depozizzjonijiet tal-attur Borg u tal-konvenut Attard fil-kors ta' dawn il-proceduri.

*Verzjoni tal-Attur Appellat*

**43.** L-attur appellat, li huwa *self-employed coach driver* u *mechanic*, [6] isostni illi fl-14 ta' Ottubru 2005 waqt li kien ghaddej fi Triq ix-Xaghra, Xaghra, huwa lemah lill-konvenut appellant Pinu Attard wieqaf bit-trakk tieghu u kif rah hekk mar hdejh biex jara ghandux bzonn xi haga. Skont l-attur appellat, il-konvenut appellant Attard qallu li t-trakk li kien qed isuq hu waqaf u kellu l-hsara u li ghalhekk xtaq l-assistenza. L-attur appellat accetta li jghin lill-konvenut appellant biex iressqu t-trakk mal-genb tat-triq u kif kien warajh u cioe` wara l-istess trakk tal-konvenut appellant, l-istess konvenut appellant irriversja ghal fuqu b'dan illi l-attur appellat spicca jsofri minn griehi gravi fejn spicca mitluf minn sensieh u mehud mill-istess konvenut fl-ITU tal-isptar bil-van tal-istess attur li bih saq il-konvenut.

**44.** Ghaldaqstant, skont l-attur appellat, l-incident gara esklussivament tort tal-konvenut appellant Pinu Attard u dan minhabba l-fatt li meta l-vettura tal-konvenut appellant Pinu Attard giet timxi u l-istess konvenut appellant kien fil-gabina taghha, hu saq b'lura ghal fuq l-attur appellat[7].

**45.** Hekk ukoll fix-xhieda tieghu li tinsab a fol. 134 u a fol. 196 tal-process hu rega' ikkonferma illi l-konvenut appellant Pinu Attard saq

[6] Fols. 84, 31, 65 u 162 tal-process.

[7] Fols. 29 u 31 tal-process. Dan il-fatt gie wkoll kkonfermat mill-attur appellat fix-xhieda tieghu moghtija in kontro ezami li tinsab a fol. 133 tal-process.

fuqu wara li l-attur appellat nehha l-gebel minn wara l-vettura tal-istess konvenut appellant:

> "*Xhud: Nehhejtlu. Ma mexiex; nehhejtlu l-gebel minn warajh, ir-reffied halli ma jimxix; xhin nehhejnielu r-riffied, hu qabad, jien ma kellimtu xejn, hu qabad u telqu lura, u ghadda minn fuqi.*" [8]
>
> "*… kif erhejnhielu biex inwaddbuh ghall-genb, u dan tela' go fih u jien kien ghadni warajh, nehhejna dak u tah ir-reverse u qabad u saq u baqa' ghaddej u dik il-hin rajt cappa dlam jien, ghadni niftakar, quddiemi…*" [9]

**46.** Fix-xiehda tieghu li ta in kontro-ezami, l-attur appellat ikkonferma illi l-magna tal-vettura kienet mixghula meta wasal fuq il-post pero` kienet ibbrejkjata u konsegwentement ma setghetx ticcaqlaq minhabba li l-valve tal-arja marlu u hariglu. Hu ikkonferma wkoll illi l-konvenut appellant Pinu Attard ma kienx qed jaghfas il-brejk u lanqas ma kien hemm handbrake u dan ghaliex it-trakk ma kienx fih arja[10]. In kontro-ezami l-attur appellat ripetutament ikkonferma li wara li l-konvenut appellant Pinu Attard tela' gol-gabina l-attur appellat qallu biex x'hin jghidlu jsuq il-vettura lura[11] izda xehed li malli hu nehha l-gebel, il-konvenut appellant Pinu Attard qabad u saq lura[12].

**47.** In kontro-ezami l-attur appellat xejn ma kien car fir-rigward tal-posizzjoni li kien fiha meta gara l-incident. F'mumenti l-attur appellat

---

[8] Fol 134 tal-process.
[9] Fol 196 tal-process.
[10] Fols 132 u 133 tal-process.
[11] Fol 134 tal-process. Ara wkoll fols 135, 136 u 138 tal-process.
[12] Fol 138 tal-process.

sostna li kien wara t-trakk imma tahtu[13] f'mumenti ohrajn l-attur appellat sostna li kien taht it-trakk imma f'nofsu u f'mumenti ohrajn l-attur appellat sostna li kien wieqaf qabel ma gara l-incident u nstabat mal-art mad-daqqa[14] izda jikkonferma li ma jahsibx li l-konvenut appellant seta` jarah fil-posizzjoni li kien fiha:

> "*Xhud:* ***Ma nahsibx li kien jarani, kont warajh jien****. Jien ghidlu, lil Pinu, ghidlu, "Xhin nghidlek, ejja lura*." [15]

**48.** Meta l-attur appellat gie prodott f'konfront mal-konvenut appellant Pinu Attard, l-attur appellat kien konsistenti fir-rigward tal-maggoranza tal-fatti kif sehhew dik il-gurnata tal-incident[16] u spjega dak li jiftakar li gara wara li Pinu tela' gol-gabina:

> " *Xhud Paul Borg: … U, dat-trakk kien mirfud, qlajnielu l-valve, irhejnielu biex jimxi, hu kien gol-gabina, kien gol-gabina, jien kont in-naha ta' wara tat-trakk, nehhejt il-gebel, biex jimxi, hu kien ha jzommu, ha jzommu fuq il-gear, u kif nehhejt il-gebel, jien ma nafx x'gara aktar. Sibt ruhi, wara gimgha insib ruhi l-isptar.*"[17]

*Verzjoni tal-Konvenut Appellant*

**49.** Il-verzjoni li ta l-konvenut appellant Pinu Attard rigward il-fatti kif sehhew dakinhar tal-incident hija simili hafna ghal dik li ta l-attur appellat. Il-konvenut appellant Pinu Attard jaqbel illi fl-14 ta' Ottubru

[13] It-Tabib Dottor Michael Portelli fil-fatt qal illi jekk jiftakar sewwa, l-attur appellat qallu li kien mimdud meta gara l-incident. Ara fol 122 tal-process.
[14] Fols 134 u 135 tal-process.
[15] Fol 138 tal-process.
[16] Fost affarijiet ohra, l-attur appellat ikkonferma a fols 162 u 164 li l-konvenut appellant Pinu Attard kien gol-gabina tat-trukk meta gara l-incident.
[17] Fol 164 tal-process.

2005 waqaflu t-trakk tieghu tal-marka Leyland fix-Xaghra Ghawdex. Inzerta kien ghaddej l-attur appellat li lemah lill-konvenut appellant u mar hdejh biex jara ghandux bzonn xi haga. Il-konvenut appellant sussegwentement infurmah li t-trakk tieghu waqaf u kellu l-hsara u li ghalhekk xtaq l-assistenza. Il-konvenut appellant Pinu Attard sostna, pero`, illi ma kien hemm hadd fil-vettura meta din imxiet u sehh l-incident. Minbarra dan, il-konvenut appellant isostni illi kien l-attur li minn jeddu mar taht il-vettura biex jirrangaha filwaqt li kienet ghadha mixghula u jghid li probabbilment kien l-ghemil tieghu stess li kkaguna l-vettura li titharrek billi mess xi haga fil-magna. Il-konvenut appellant ghalhekk isostni illi l-incident sfortunat sehh esklussivament tort tal-attur appellat u li l-konvenut appellant Pinu Attard ma hux responsabbli bl-ebda mod ghal dan l-incident u ghall-griehi li sofra l-attur appellat.

**50.** Fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut appellant Pinu Attard isostni illi hu ma kienx gol-gabina tat-trakk tal-marka Leyland[18] meta gara l-incident imma kien barra mit-trakk u cioe` magenb it-trakk. Meta gie prodott quddiem l-Imhallef li kien jippresjedi l-ewwel Qort f'konfront mal-attur appellat il-konvenut appellant Pinu Attard beda billi ikkonferma dan il-fatt u xehed li huwa kien wieqaf hdejn it-trakk barra[19]. Aktar tard waqt l-istess konfront, il-konvenut appellant xehed:

---

[18] Fol 160 tal-process.
[19] Fol 163 tal-process.

"**Xhud Pinu Attard**: *Imbaghad x'hin mexa t-trakk, jien naf li qieghed tahtu, ...*

"**Dr. Angele Formosa:** *ehe, u dhalt ...*

"**Xhud Pinu Attard:** *U dhalt biex inzommu li ma jmurx lura. Qed tifhem?*

"**Dr. Angele Formosa**: *Sewwa. Jigifieri int sa dan it-tant fejn kont, fit-triq jew fit-trakk?*

*"***Xhud Pinu Attard**: *Kont fit-trakk. X'hin rajt li ha jimxi, jien mort nigri ghal gol-gabina got-trakk.*" [20]

**51.** Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2009 l-konvenut appellant Pinu Attard xehed hekk:

"<u>*Xhud*</u>*: Ta' marka Leyland. U dan it-trakk waqaf, wehlulu xi haga, insomma ma riedx jimxi u nzilt u ghadda Pawlu Borg u qalli, "xi gralek?" Ghidtlu, "dan it-trakk ma jridx jimxi." Ghidtlu, "waqaft biex in dan u ma jridx jimxi." Qalli, "dak m'ghandek xejn," qalli, "ha nidhol taht, nahseb wehlulu l-brejkijiet jew hekk." U dahal tahtu, ma nafax x'ghamillu u dan it-trakk mexa xi ftit. Ma nafx x'ghamillu, dahal tahtu, mexa* u kont pront soqt 'il quddiem

.....

*"Imbaghad it-trakk mexa u nisma' ajma, ajma, ajma, jghajjat u jien tlajt bilgri bilgri harriktu 'l quddiem. Mort 'il quddiem "*[21]

**52.** Inoltre, il-konvenut appellant ikkonferma li t-trakk kien '*free*' meta gara l-incident, li ma kienx hemm il-handbrake imtella' u li l-magna tat-trakk kienet mixghula meta l-attur appellat dahal taht it-trakk biex jaghmilha timxi[22].

---

[20] Fol 165 tal-process.
[21] Fol 95 tal-process.
[22] Fols 95 u 96 tal-process.

**53.** Fir-rigward tal-kwistjoni ta' fejn kien l-attur appellat meta gara l-incident, il-konvenut appellant xehed li l-appellat kien "taht it-trakk", fin-nofs fil-parti ta' wara, u li l-ahhar li rah kien gharkubbtejh u imbaghad x'hin ra t-trakk jimxi ma jafx x'gara ghaliex mar jigri quddiem biex izommu[23].

*Konkluzjonijiet ta' din il-Qorti*

**54.** Tenut kont tal-istat tal-provi kif jirrizulta mill-premess din il-Qorti ma ssibx li l-apprezzament taghhom da parti tal-ewwel Qorti kien wiehed irragonevoli. Inoltre, ghalkemm il-provi ngabru principalment mill-assistent gudizzjarju, il-konfront krucjali bejn l-attur u l-konvenut, li fuq ix-xiehda taghhom tistrih is-sejbien tar-responsabbilita` ghall-incident in kwistjoni, u liema konfront kien kjarament mehtieg u determinanti sabiex il-Qorti tkun tista' taghmel l-apprezzament taghha tal-kredibilita` u veracita` taz-zewg protagonisti tal-incident, sar direttament quddiem il-gudikant li kien jippresjedi fl-ewwel istanza. Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li ma jezistux ragunijiet serji sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti u mill-konkluzjonijiet minnha ragunti u li anzi jezistu ragunijiet li jimmilitaw favur il-konferma taghhom minn din il-Qorti.

[23] Fol 161 tal-process.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-appell tas-socjeta` Atlas Insurance PCC Ltd. bl-ispejjez kollha tieghu kontra l-istess socjeta` appellanti u tichad ukoll l-appell tal-konvenuti Pinu u Antida konjugi Attard bl-ispejjez kollha tal-appell taghhom kontra taghhom u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi t-talbiet rimanenti tal-attur fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li ghadhom ma humiex decizi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df